**Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Ġunju 2014 – Arocasa vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-461/14)**

(2014/C 253/85)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Arocasa, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. García Muñoz, J. Jiménez-Blanco u J. Corral García, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha marbuta mal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma l-istess bħal dawk invokati fil-Kawża T-392/14, Gutser vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Ġunju 2014 – Vego Supermercados vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-465/14)**

(2014/C 253/86)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vego Supermercados, SA (La Coruña, Spanja) (rappreżentanti: J. L. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, R. Calvo Salinero u A. Lamadrid de Pablo, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikklassifika d-diversi miżuri li skont din id-deċiżjoni jikkostitwixxu l-hekk imsejħa Sistema Spanjola tat-Taxxa tal-Lokazzjoni bħala għajnuna mill-Istat ġdida u inkompatibbli mas-suq intern;

— sussidjarjament, tannulla l-Artikoli 1 u 4 tad-deċiżjoni kkontestata, li jidentifikaw lill-entitajiet investituri fil-gruppi b’interess ekonomiku bħala benefiċjarji ta’ din l-allegata għajnuna u bħala l-uniċi destinatarji tal-ordni ta’ rkupru;

— sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn jordna l-irkupru tal-allegata għajnuna;

— tannulla l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn jiddeċiedi dwar il-legalità tal-kuntratti privati konklużi bejn l-investituri u entitajiet oħra, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta’ din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma l-istess bħal dawk invokati fil-Kawża T-700/13, Bankia vs Il-Kummissjoni.

---